**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Lara Butters]**

**vs**

**Joseph Compagno**

**Kumpilazzjoni Numru: 303/16**

**Illum, 28 ta' Mejju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Compagno detentur tal-karta tal-identita` numru 405382M gie akkuzat talli fis-7 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 22:30hrs u hin qabel gewwa Flamin'Joe's, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Misuraca skond kif iccertifika minn Dr. Charmaine Tanti Numru tar-registrazzjoni 5679 tal-Isptar Mater Dei; **u dan ai terminu ta' l-Art. 218 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra Francesca Misuraca, jew kontra il-proprjeta' taghha jew kontra il-persuna jew il-proprejeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-Artiklu 222(1) tal-Kapitolu 9, meta kien jaf jew imissu kif jaf li, b'tali mgieba

tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'; **u dan ai terminu ta' l-Art. 251 B. (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

3. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied; **u dan ai terminu ta' l-Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

4. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq PC 1398 John Spiteri, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet tghamel jew minhabba li kienet qed tghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaha jew li jinfluwixxi fuqa kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz; **u dan ai terminu ta' l-Art. 95 ta kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta**.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elfejn u sbatax (2017) tal-Avukat Generali li biha elenka x'inhuma l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe:-

1) Fl-artikoli 214, 215, 218 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat aggressjoni mill-imputat lejn l-ex tfajla tieghu li mar dakinhar tal-incident fil-post "Flamin' Joe's" fi Triq il-Wied, Msida fejn tahdem u hemmhekk inqalghet glieda bejniethom bl-imputat allegatament jerfa' jdejh fuqha u bil-konsegwenza li hija garrbet griehi gravi f'rasha liema griehi gew iccertifikati bhala gravi per durata minn Dr. Charmaine Tanti kif ukoll ikkonfermati minn Dr. Mario Scerri bhala espert imqabbad mill-Qorti.

Rat illi l-proceduri nstemghu predominantement minn din il-Qorti diversament presjeduta izda fejn il-partijiet ma kellhomx oggezzjoni sabiex din il-Qorti

tiddeciedi l-kaz bil-provi mismugha quddiem dik il-Qorti diversament presjeduta.

Illi huwa ben risaput ormai illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara.

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> ***"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."***

Illi f'dawn il-proceduri nstemghu diversi xhieda, senjatament tas-sid tal-istabbiliment fejn saret il-glieda u cioe' **Fabio Grima** u l-kok tal-istess stabbiliment u cioe' **Alexander Androv** li kienu xhieda okulari u li xehdu li gie l-imputat biex ikellem lit-tfajla tieghu Francesca Misuraca u wara li dan kellem lil xi hadd iehor li kien jahdem hemm, dawn dahlu fit-*toilets* u minn hemmhekk semghu hafna ghajjat u malli dahlu dawn sabu lill-parte civile b'hafna dmija f'rasha. Ovvjament l-imputat kien hdejha. Huma jghidu li l-istabbiliment kien

ser jaghlaq dak il-hin ghaliex kien bil-lejl u ghalhekk ma kienx hemm aktar nies fil-post. Huma jghidu wkoll illi l-imputat kellu jkun ikkalmat ghaliex kien nervuz hafna.

Illi xehdet ukoll l-istess parte civile **Francesca Misuraca** li ddikjarat li kienet tohrog mal-imputat u dakinhar gie l-imputat fil-post fejn tahdem u kellu xi argument ma' wiehed jahdem hemm imbaghad wara dahal fit-*toilet* mal-parte civile u minn hemm inqala' argument iehor bejniethom fejn dan qabadha f'daqqa u x'hin din qaltlu sabiex ihalliha, dan gidimha u f'daqqa wahda din tghid illi hasset ugiegh magenb ghajnejha u rat dawl u mbaghat hasset id-demm fuq wiccha. Hija tghid illi taha daqqa ta' ponn u per konsegwenza waqghet u hadet daqqa mal-mejda.

Hija tghid illi l-imputat kien fis-sakra u fil-passat kellhom problemi ohra bhal dawn fejn meta jkun fis-sakra jkun aggressiv u meta ma jkunx ikun persuna gentili maghha. Hija ddikjarat li ma ridietx tahfer lill-imputat ta' dak li ghamlilha.

Xehdet ukoll **Dr. Charmaine Tanti** li ddeskriviet il-griehi subiti mill-parte civile minn dan l-incident u fejn minn Mater Dei hija nvistat lil Francesca Misuraca fit-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u sittax (2016) u tghid illi minhabba l-feriti li kellha f'wiccha dawn kienu kklassifikati bhala gravi. Ulterjorment u meta xehed **Dr. Mario Scerri** bhala espert nominat mill-Qorti dan irrelata illi c-cikatrici fuq il-mohh kienet ghadha tidher u minhabba li t-tanbur ta' mohhha kien infaqa', dawn kienu griehi kollha *per durata.*

Illi finalment xehdu wkoll ufficjali tal-pulizija li marru jintervjenu fuq il-post tal-incident senjatament **PC148 Matthew Tonna** u **PC1258 Carmel Debattista** li t-tnejn ikkonfermaw li sabu l-imputat fi stat agitat hafna u li dan kien

certament fis-sakra bil-mod ta' kif kien qed jagixxi. Huma jghidu wkoll illi minhabba dan l-agir u meta marru biex jikkalmawh, dan accidentalment ta daqqa ta' minkeb lil wiehed mill-ufficjali u beda jirrezistihom tant li meta dahal fil-karrozza taghhom beda jaghti b'rasu mat-tieqa tal-karrozza. Meta mbaghad wara nizzlu din it-tieqa huwa kkalma u raqad sa fil-ghodu fic-cella tal-pulizija.

Illi l-Qorti fliet ukoll l-istqarrija tal-imputat moghtija b'mod volontarju fit-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u sittax (2016) fejn huwa jghid li jiftakar kollox izda l-mumenti fejn huwa allegatament sawwat lil Francesca u l-mument li ggieled mal-pulizija ma jiftakarhomx. Illi mbaghad pero' f'nifs iehor jinnega li ta daqqiet fuq il-wicc taghha u gabilha wiccha blu. Irid jinghad pero' li l-Ispettur ma kinitx semmiet il-griehi fejn kienu u ghalhekk l-imputat inqabad wahdu li kien qed jigdeb.

Illi l-imputat ghandu wkoll addebitat lilu l-aggravju tar-recidiva. Illi din giet ippruvata permezz ta' sentenza pprezentata fl-atti u mmarkata bhala Dok. LB 8. Illi l-avukat difensur fil-verbal tieghu fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) gie moghti l-fakulta' sabiex jipprezenta nota rigward ir-recidiva izda dan baqa' inadempjenti.

Illi jinghad illi ghalhekk l-akkuzi kollha gew ippruvati u l-imputat ma jistax igib skuza illi huwa ghandu problema kbira ta' xorb ghaliex jekk dan ghadu ma jistax jeghlibha u jaf l-effetti xi jkunu ta' meta jixrob, mela allura ghandu jevita li jidhol f'relazzjonijiet li jaf li ser ikun hemm problemi bhal dawn. Illi ghalhekk il-*mens rea* necessarja ghar-reati addebitati lill-imputat kienet prezenti meta huwa kien qed jikkommetti r-reati.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 218(b), 251B(1), 338(dd), 95, 49, 50, 412(C) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Joseph**

**Compagno** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija effettivi u multa ta’ elf ewro (€1,000).

L-imputat ghandu pero’ jinghata l-facilita’ li jibda programm appozitu ghal kontra dipendenza mill-alkohol mill-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**